***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 373 tal-Erbgħa, 6 ta' April 2016 dwar ilment imqajjem mill-Onor. David Agius in konnessjoni ma' allegazzjoni ta' ġurnalista ta' One News fil-konfront tiegħu**

Fis-Seduta 372 tal-bieraħ, 5 ta' April 2016, l-Onor. David Agius talab lis-Sedja tinvestiga rapport li deher fuq One TV dwar allegat inċident li nqala' barra l-bini tal-Parlament. Nikkwota:

> "Sur President, xtaqtek tinvestiga ftit il-fatt li lbieraħ fuq One TV u One News il-ġurnalista Nicole Buttigieg qalet kliem fis-sens li jien imbuttajtha kif kienet qed tipprova tieħu xi intervista hu u dieħel il-Kap tal-Oppożizzjoni ġol-Parlament. Qalet: Imbuttani David Agius! Din assolutament hija gidba; mhuwa veru xejn! Nitolbok tara l-*footage* ta' dak li ġara; hemm diversi *cameras* li juru dak li kien għaddej dak il-ħin. Jien ma missejt qatt lil Nicole Buttigieg fil-qadi ta' dmirha! Nitolbok tinvestiga għaliex ċertament li għandha kull dritt li tagħmel xogħolha - għalkemm wieħed issa jrid jara fejn kien il-każ - imma ċertament ukoll li jien kont dieħel ġol-Parlament u ma imbuttajt qatt lil Nicole Buttigieg. Nixtieqek tinvestiga din il-gidba li qalet il-ġurnalista Nicole Buttigieg u ovvjament tieħu l-passi neċessarji min-naħa tiegħek."

Is-Sedja rrispondiet lill-Onor. David Agius b'dan il-mod:

> "Jien se nara l-affarijiet imma ovvjament il-kompetenza tiegħi naf sa fejn twassal. Fhimt l-ilment tiegħek."

Is-Sedja għamlet referenza għall-filmat tar-rapport ta' One News fuq One TV li saret referenza għalih mill-Onor. David Agius u li nkiseb mill-Awtorità tax-Xandir, għall-filmat li ġie mgħoddi lis-Sedja mill-Onor. David Agius li nġibed minn cameraman ta' Net TV, u għall-filmat tal-*cameras* tas-sigurtà tal-Parlament.

Mill-ewwel żewġ filmati l-ġurnalista Nicole Buttigieg tinstema' tgħid: "Imbuttani David Agius".

Mill-filmat tar-rapport ta' One News, fil-ħin tal-allegat inċident, il-persuni preżenti ma tantx kienu jidhru, peress li waqt li l-ġurnalista kienet qed tinstema' tistaqsi diversi domandi lill-Kap tal-Oppożizzjoni, ħafna minn dawk preżenti kellhom daharhom lejn il-*camera*. Għaldaqstant f'dan il-filmat ma setgħetx tiġi identifikata l-persuna jew persuni li kien hemm aktar u aktar l-istess Onor. David Agius.

Mill-filmat ipprovdut mill-Onor. Agius jidher li waqt li l-istess Nicole Buttigieg kienet qed tipprova tersaq lejn il-Kap tal-Oppożizzjoni waqt li kienet qed tagħmillu xi domandi, dehret tiġi ostakolata u anke imbuttata b'minkeb minn persuna li hija identifikabbli ħafna fil-filmat u li kienet liebsa flokk *striped* bil-blu u griż. Ftit wara l-istess ġurnalista dehret tavviċina lill-persuna identifikata bħala Matthew Bonett, li miegħu lmentat li kienet ġiet imbuttata u li f'dak il-ħin, ħdejh kien hemm il-persuna li aktar qabel dehret timbotta bil-minkeb lill-istess ġurnalista. F'dan il-filmat jidher ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni dieħel mill-bieb prinċipali tal-blokk amministrattiv tal-Parlament flimkien ma' Membri Parlamentari oħra, fosthom l-Onor. David Agius. F'dan il-filmat imkien ma jidher iseħħ l-allegat inċident li rrefera għalih l-Onor. David Agius fit-talba li huwa għamel lis-Sedja fis-seduta tal-bieraħ.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta), liema referenza saret ukoll fl-aħħar *ruling* tas-Sedja mogħti fis-seduta 371 tal-4 ta' April 2016, dwar każ imqajjem mill-Onor. Godfrey Farrugia fis-seduta 369 tas-16 ta' Marzu 2016 li kien jittratta allegat inċident li nqala' bejn l-imsemmi Membru Parlamentari u membru tal-*media* fil-viċinanza immedjata tal-bini tal-Parlament. Dakinhar is-Sedja kienet ikkwotat mis-subinċiż (d) tal-paragrafu (4) tal-artikolu 11 tal-Ordinanza, li jgħid li jkun reat kontra dan l-Att:

> "kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;"

Is-Sedja tifhem li ċertament iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni ma jinkwadrawx ruħhom taħt dan il-provvediment tal-Kap 113 għaliex skont l-Onor. Agius dak li ġie allegat minn One News huwa eżattament bil-kontra, jiġifieri li Membru Parlamentari imbotta u allura b'xi mod fixkel lil membru tal-*media*.

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni li tat fis-seduta 339 tal-14 ta' Diċembru 2015 fil-konfront tal-Onor. Ċensu Galea dwar rapport li kien deher f'ġurnal li kien jirrigwarda allegazzjonijiet fuq l-istess Onor. Galea in konnessjoni mal-kariga li kien jokkupa bħala *Chairman* tal-Kunsill Konsultattiv tal-Industrija tal-Bini (BICC). Dakinhar is-Sedja qalet hekk:

> "Is-Sedja tinnota li biex tkun tista' tagħti rimedju l-ilment li jkun tqajjem irid ikun jirrigwarda pubblikazzjoni li fiha tkun saret referenza għal xi diskors jew tweġibiet għal domandi parlamentari jew kwalunkwe dokument ieħor li jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra u li b'xi mod ikun ġie kkwotat ħażin jew inkella b'qerq. U dan kif inhu anke spjegat fil-Kapitlu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, fejn f'artiklu 11 subinċiż (4), paragrafi (i), (j) u (k) huwa deskritt bħala reat, u nikkwota:
>
> > "(i) kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat;
> >
> > (j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'Kumitat tagħha;
> >
> > (k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."
>
> Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u speċifikament l-Ordni Permanenti 60 li jittratta dwar kliem offensiv kontra l-Kamra jew kontra Membru."

Irid jingħad allura li fir-rigward ta' dak li jiġi rrapportat fuq il-mezzi tal-*media*, il-poteri mogħtija lis-Sedja huma limitati għal xi ħaġa magħmula jew li ntqalet minn Membru Parlamentari fil-Kamra jew f'xi Kumitat tagħha.

Is-Sedja terġa' tagħmel referenza u tikkwota mid-deċiżjoni mogħtija fis-seduta 339 tal-14 ta' Diċembru 2015:

> "Ladarba m'hemm ebda rappurtaġġ ineżatt u/jew falz ta' xi informazzjoni jew diskors li sar fil-Kamra, allura s-Sedja ma tista' tagħti l-ebda rimedju ħlief li tissolleċita lill-Onor. Ċensu Galea li, jekk huwa jħoss li l-kontenut tal-artiklu inkwistjoni huwa libelluż fil-konfront tiegħu, jista' jieħu passi ulterjuri fil-konfront tal-istess editur ta' *l-orizzont*. L-ebda parti minn dan l-artiklu ma tirreferi għal xi ħaġa li setgħet intqalet fil-Kamra tad-Deputati jew għal xi dokumentazzjoni li ħarġet mill-Kamra tad-Deputati."

Dwar dan il-punt is-Sedja għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anton Tabone fis-seduta 782 tas-16 ta' Settembru 2002 u nikkwota:

> "Skont l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113 tal-Liġijiet ta' Malta, biex ikun hemm każ ta' disprezz irid jew ikun hemm rapport falz ta' dak li ntqal fil-Parlament magħmul volontarjament u xjentement, jew inkella l-pubblikazzjoni tkun tammonta għal 'pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha.'
>
> Imma mhux kull libell li jagħti malafama lil xi membru tal-Kamra jammonta għal disprezz għaliex jidher ċar li l-liġi trid iżjed mis-sempliċi pubblikazzjoni tal-libell. Biex il-libell ikun jammonta għal disprezz il-malafama trid tkun intimament konnessa ma' dak li ntqal fil-Kamra. Naturalment kull membru tal-Kamra għandu r-rimedji ordinarji fil-liġi disponibbli għalih jekk huwa jkun iħossu inġurjat b'dak li ntqal dwaru. Imma mhux kull libell ta' membru tal-Kamra huwa disprezz lejn il-Kamra."

Is-Sedja tifhem li dan il-punt japplika wkoll għall-każ imqajjem mill-Onor. Agius u dan peress li l-allegat inċident kif irrappurtat fuq One News ma ġarax fil-Kamra iżda wara li kienet intemmet konferenza stampa tal-Kap tal-Oppożizzjoni barra l-bini tal-Parlament.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, is-Sedja jidhrilha li ma tistax tidħol aktar fil-każ ħlief li tgħid li jekk l-Onor. David Agius iħoss li għandu jipproteġi lilu nnifsu fil-konfront ta' dak li ġie irrappurtat fuq One News, jista' dejjem jieħu passi ulterjuri permezz tar-rimedji li tagħtih il-liġi.